MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 28/2006/1

**Grap Limited (C11038)**

**vs**

**Vadala Company Limited (C 62)**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi s-socjeta ntimata tikri minghand l-esponenti l-mahzen numru ghaxra (10), Triq is-Sajjied, Marsa, versu l-kera ta' mija hamsa u tmenin lira (Lm185) fis-sena bl-iskadenza li jmiss hija dik tal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Illi s-socjeta ntimata bidlet id-destinazzjoni tal-fond billi m'hijiex tuzah ghal dan l-iskop li ghalih giet mikri u inoltre kkagunat hafna hsara fil-fond.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord sabiex jawtorizzaha terga tiehu l-pussess tal-fond u jordna l-izgumbrament tas-socjeta ntimata f'terminu qasir u perentorju li jiffissa dan il-Bord.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta ntimata.

Ra r-risposta tas-socjeta ntimata li tghid:

Preliminarjament, s-socjeta rikorrenti trid tipprova t-titolu taghha.

Mhuwiex minnu li s-socjeta esponenti bidlet id-destinazzjoni tal-fond kif allegat mis-socjeta rikorrenti.

Mhuwiex minnu li l-esponenti kkagunat hsarata fil-fond in kwistjoni kif allegat is-socjeta rikorrenti

Bl-ispejejz kontra s-socjeta rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi fl-ewwel lok s-socjeta' intimata eccepiet b'mod preliminari illi s-socjeta' rikorrenti trid tipprova t-titolu taghha.

Illi l-Kap 69 u wisq anqas il-Kap 12 ma jimponu ebda tali obbligu fuq kull minn jippromini kawzi ta' din in-natura. Rikors bhal dak in dizamina huwa proponbilli bejn is-sid u l-inkwilin u sakemm ma jkunx hemm eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet, eccezzjoni bhal dik in dizamina ghandha titqies bhala frivola. Wara kollox, Thomas Agius Vadala, direttur tas-socjeta' intimata ddikjara illi hemm relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet. Ghalhekk il-Bord qed jichad din l-eccezzjoni;

Illi dwar il-mertu jirrizulta illi l-mahzen de quo mikri lis-socjeta’ intimata fl-ewwel lok jinsab vojt ghajr xi ftit pallets gewwa fih. Oltre dan, il-fond huwa fi stat hazin hafna kif jixhdu ir-ritratti annessi mar-rapport ex-parte mhejji minn perit arkitett. Jirrizulta illi dan il-mahzen li matul iz-zminijiet intuza ghal magazinar ta’ diversi oggetti minn cement ghall-fertilizzant, illum qed jintuza biss biex jitqieghdu pallets li jintuzaw ghall-istivar tac-cement (naturlmant f’post li mhux il-mahzen in dizamina).

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ intimata ikkonferma illi kemm ilu managing director ftit li xejn ghamlu manutenzjoni tal-fond u fil-verita dan ma kellux ghalfejn jghidu ghaliex ix-xhieda tar-rikorrenti ma kienet tehtieg ebda konferma jew korroborazzjoni ohra.

Ghalhekk iz-zewg kawzali tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u ghal dawn il-mottivi l-Bord qed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u qed jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond konsistenti f’mahzen bin-nurmu 10, Triq is-Sajjied, Marsa u dan fi zmien xahar mil-lum f’liema zmien is-socjeta’ intimata ghandha tizgombra u thalli liberu l-istess fond.

Bl-ispejjez kontra is-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------